# KOMUNITÀ KARIŻMATIKA KATTOLIKA - BEYOND THYSELF

## 30 Sena mit-Twaqqif Tagħha

Wieħed jista' tassew jieħu idea tajba ta' Komunità Karizmatika meta jara l-fergħa Marsija, magħrufa bħala *Beyond Thyself*. Din il-komunità ilha għaddejja għal dawn l-aħħar 30 sena b'ħidma bla waqfien mingħajr daqq ta' trombi iżda b'mod determinat u magħqud qalb il-problemi li kwalunkwa komunità reliġjuża tista' tħabbat wiċċha magħhom tul is-snin. Meta wieħed jattendi laqgħa ta' din il-komunità jista' jinnota s-sens ta' koeżjoni, solidarjetà u wens li joħorġu mit-talb u t-tagħlim li joffru, f'għaqda sħiħa u leali lejn il-Mulej. "Nitolbu sabiex ma jkunx hemm xkiel lejn il-manifestazzjoni ta' tifħir kif jixraq lill-Mulej," qal Raymond Cutajar, membru-fundatur ta' l-istess Komunità *Beyond Thyself* f'intervista ma' dan il-fuljett. "Bdiet meta ħija l-kbir Joseph, li kien membru f'Komunità Karizmatika oħra, xtaq li jkun hemm rappreżentanza tat-Tiġdid Karizmatiku fil-parroċċa tas-SSma. Trinità fil-Marsa. Jien u l-għarusa Antida, illum il-mara tiegħi, rajna li nistgħu nagħmlu dan bl-għajnuna ta' sħabna, Patri Diegu





Theuma OFM Cap. li dak iż-żmien kien Kappillan ta' din il-parroċċa u Patri Charles Bugelli OFM Cap. B'hekk beda passaġġ twil ta' esperjenzi qalb is-sabiħ u l-morr tal-ħajja li għen sabiex isaħħaħ lilna u lil sħabna li kellhom jingħaqdu magħna. Il-Komunità *Beyond Thyself*, tul is-snin, rat membri ġodda li ġew minn diversi oqsma tal-ħajja, fosthom għalliema, nisa tad-dar, negozjanti żgħar, skrivani, professjonisti, ħaddiema fil-fabbriki, romol u pensjonanti. Kibret mhux f'xi daqsijiet kbar imma biżżejjed sabiex tkompli għaddejja għal daqshekk żmien, minkejja n-nuqqas ta' popolazzjoni fil-Marsa u minkejja li fostna nibtu ħafna setet ukoll. Din il-Komunità dejjem għafset fuq l-importanza tat-talb, tal-penitenza u tas-sagrifiċċju bħala armi qawwija li permezz tagħhom ngħinu sabiex inġeddu wiċċ id-dinja u nkunu xhieda vera tal-Knisja Kattolika," kompla jgħid Raymond.

Il-Komunità Kariżmatika Kattolika *Beyond Thyself* tagħmel parti mill-*Komunjoni Gruppi u Komunitajiet ta' Tiġdid Kariżmatiku Kattoliku* li hija mwaqqfa fl-Arċidjoċesi ta' Malta bħala Assoċjazzjoni Privata tal-Fidili. Din il-Komunjoni hi impenjata f'ħidma ta' evanġelizzazzjoni fil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Din tinkludi l-evanġelizzazzjoni ta' dawk li m'humiex membri tal-Knisja, ir-ri-evanġelizzazzjoni ta' l-Insara nominali u l-evanġelizzazzjoni tal-kultura u ta' l-istrutturi soċjali. Tant hu hekk li waħda mill-attivitajiet tat-*Tiġdid Kariżmatiku* f'Malta se tkun iċ-ċelebrazzjoni tal-Pentekoste bil-parteċipazzjoni ta' diversi denominazzjonijiet oħra Kristjani flimkien ma' l-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona nhar it-13 ta' Mejju li ġej. Bħala preparazzjoni għal din il-festa tant importanti għall-Knisja Kattolika, it-*Tiġdid Kariżmatiku* se jorganizza maratona ta' interċessjoni lejn il-qawmien spiritwali tal-fidili bejn it-2 u l-10 ta' Mejju fil-Kappella ta' l-ACEF fil-Furjana. Din hija prova ċara ta' kemm dan il-moviment fi ħdan il-Knisja Kattolika jemmen fil-qawwa tat-talb.

F'dil-komunità tispikka wkoll il-mużika u l-għanjiet li jitkantaw, uħud minnhom stabbiliti, fosthom ħafna innijiet li huma ġejjin minn gruppi Kristjani fi ħdan it-*Tiġdid Kariżmatiku* internazzjonali, kif ukoll mużika spiritwali oriġinali oħra, uħud minnha ispirata mill-istil *Praise*. Bħala *Chaplain* Spiritwali, din il-komunità għandha lil Patri Anton Dimech OFM Cap. li issa ilu għal ħafna snin jaħdem ma' din il-Komunità.

Il-Komunità Kariżmatika Kattolika *Beyond Thyself* tieħu wkoll ispirazzjoni mill-Apokalissi 22 fit-Testment il-Ġdid, li, fuq fuq, jitkellem dwar is-siġra tal-ħajja; siġra ħawtiela li tagħti l-frott kull xahar. Dan il-passaġġ Bibbliku ispira lill-komunità biex twettaq missjoni ta' evanġelizzazzjoni darba fix-xahar fil-parroċċa tagħna bl-animazzjoni tal-quddiesa ta' l-ewwel Sibt tax-xahar filgħaxija u adorazzjoni t-Tnejn ta' wara fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fil-fatt, f'wieħed mill-eżerċizzi li sar fil-komunità stess, ittella' skeċċ ta' persuna umana u kull membru fi ħdan dil-komunità studja kif jista' jagħti sehmu bit-talenti tiegħu sabiex b'hekk ikun membru sħiħ ta' din il-familja. Din is-sena l-komunità għażlet bħala tema "Inqimu lil Alla b'ilbies qaddis", jiġifieri li kull membru għandu jagħti eżempju u jkun xhud ta' Kristu billi jilbes sentimenti ta' Fidi, Tama u Mħabba u billi juża t-talenti tiegħu bl-aħjar mod possibbli bħala talba fih innifsu. Waqt l-istess laqgħa waħda mill-membri qalet li dan jista' jsir bis-sawm u penitenza u ħafna, ħafna talb. Antida kompliet tgħid li permezz ta' l-għodod tat-tqarbin, tar-rużarju, tal-qari mill-Bibbja, tal-ħniena, ta' l-umiltà, tat-tjieba, tas-sabar u tal-qima, wieħed jista' jkompli jgħin sabiex ħafna erwieħ ikunu jistgħu jersqu lejn Alla u jħalluH iħobbhom.

Għal din is-sena l-Komunità Kariżmatika se tilħaq il-qofol ta' l-attivitajiet tagħha permezz ta' Manifestazzjoni Ewkaristika "Il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem", li se ssir nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju fis-7.00 ta' filgħaxija fuq iz-zuntier tal-Knisja tat-Trinità Qaddisa. Hi manifestazzjoni ispirata mill-Evanġelju fejn Kristu, il-Mulej tagħna, ried li jagħmel sajjieda tal-bnedmin permezz ta' l-appostli l-ġodda Tiegħu. Din l-attività se tkun ġiet wara disa' ġimgħat sħaħ ta' preparamenti u talb permezz ta' l-imsemmija laqgħat ta' l-istess Komunità.

**EJM**